



Kumitat għall-Iżvilupp

2015/2091(INI)

11.11.2015

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għas-Sajd

dwar regoli komuni fid-dawl tal-applikazzjoni tad-dimensjoni esterna tal-PKS,
inklużi l-Ftehimiet dwar is-Sajd
(2015/2091(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Maria Heubuch

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp jistieden lill-Kumitat għas-Sajd, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jilqa' l-inklużjoni ta' kapitolu dwar id-dimensjoni esterna fir-riforma riċenti tar-regolament rigward il-Politika Komuni tas-Sajd, fejn għall-ewwel darba l-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) u s-sajd f'Organizzazzjonijiet Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RFMOs) huma formalment regolati;
2. Jissottolinja l-ħtieġa li l-UE tirrispetta l-obbligu tagħha li tippromwovi s-sajd ambjentalment u soċjalment sostenibbli f'pajjiżi li qed jiżviluppaw permezz tal-politiki kollha tal-UE li jaffettwaw is-sajd f'pajjiżi li qed jiżviluppaw (għajjnuna, kummerċ, sajd);
3. Jinsisti li t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-parteċipazzjoni tal-partijiet interessati għandhom jitqiesu bħala elementi prinċipali għar-relazzjonijiet tal-UE fir-rigward tas-sajd ma' pajjiżi terzi;
4. Jinsisti fuq l-importanza tal-promozzjoni tal-ħarsien tal-ekosistema u ż-żamma tal-istokkijiet tal-ħut aktar 'il fuq mil-livelli kapaċi li jipproduċu rendiment massimu sostenibbli, hekk kif aktar stokkijiet abbondanti tal-ħut huma rekwiżit importanti biex jippermettu l-iżvilupp tal-komunitajiet kostali tas-sajd ta' pajjiżi terzi, f'konformità mal-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) għas-sajd sostenibbli fuq skala żgħira;
5. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġi appoġġjat l-iżvilupp tal-komunitajiet lokali li l-għajxien tagħhom jiddependi l-aktar mis-sajd u mill-attivitajiet relatati mal-industrija tas-sajd; jissottolinja l-ħtieġa għal miżuri ta' appoġġ immirati lejn il-promozzjoni tat-trasferiment ta' teknoloġiji, tal-għarfien, tal-ġestjoni tal-kapaċità, tas-sħubiji ta' diversi partijiet interessati u investimenti oħra għall-benefiċċju tal-industrija tas-sajd;
6. Jirrimarka li s-sidien tal-bastimenti jiffirmaw ftehimiet privati mal-gvernijiet ta' pajjiżi terzi, li huma barra mill-kamp ta' applikazzjoni tal-PKS; jinsab imħasseb li l-Kummissjoni ma tiġix notifikata b'mod sistematiku dwar tali ftehimiet; jinsab inkwetat li, taħt ċerti ċirkustanzi, dan jista' jwassal għal kompetizzjoni inġusta mal-komunitajiet lokali tas-sajd tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw, kif ukoll mas-sidien tal-bastimenti tal-UE li joperaw bi ftehimiet bilaterali;
7. Jenfasizza li l-investment Ewropej fis-settur tas-sajd ta' pajjiżi terzi bil-pretest ta' impriżi konġunti għandhom ikunu koperti mill-PKS; jenfasizza li l-UE għandha, permezz tal-Ftehimiet ta' Sħubija dwar is-Sajd Sostenibbli (SFPA) tagħha, tippromwovi djalogu ma' pajjiżi sħab dwar l-istabiliment ta' qafas regolatorju sabiex tiżgura li l-impriżi konġunti, fis-setturi tal-qbid, l-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ffurmati ma' sħab mill-UE jew pajjiżi oħra, joperaw f'mod trasparenti, ma jikkompetux mas-settur artiġjanali lokali u jikkontribwixxu għall-oġettivi tal-iżvilupp tal-pajjiżi konċernat.

**RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	10.11.2015
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 21 -: 1 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Beatriz Becerra Basterrechea, Ignazio Corrao, Doru-Claudian Frunzulică, Nathan Gill, Charles Goerens, Enrique Guerrero Salom, Heidi Hautala, Maria Heubuch, Teresa Jiménez-Becerril Barrio, Linda McAvan, Norbert Neuser, Cristian Dan Preda, Lola Sánchez Caldentey, Elly Schlein, Pedro Silva Pereira, Davor Ivo Stier, Paavo Väyrynen, Bogdan Brunon Wenta, Rainer Wieland, Anna Záborská
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Marina Albiol Guzmán, Louis-Joseph Manscour, Joachim Zeller